**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**Spettur Priscilla Caruana Lee**
**Spettur Alfredo Mangion**

**vs**

**Rusanka Dimitrova Staneva**
**Neli Ilieva**

**Kumpilazzjoni numru 358/2018**

**Illum 6 ta' Gunju, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Rusanka Dimitrova Staneva** detentrici tal-karta tal-identita' Bulgara bin-numru 647397686 u **Neli Ilieva** detentrici tal-karta tal-identita' Bulgara bin-numru 64492127 billi huma akkuzati talli bejn il-31 ta' Mejju 2018 u l-5 ta' Gunju 2018 gewwa l-Belt Valletta b'diversi atti maghmulin f'hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u liema atti gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ai termini tal-artikolu 18 tal-Ligiijiet ta' Malta:

1. Mill-ATM tal-fergha tal-bank BOV gewwa Triq ir-Repubblika l-Belt, f'diversi drabi, ikkommettew serq ta' diversi flejjes, liema somma ta' flus tammonta ghal €500 billi ghamiltu uzu illecitu minn credit card

liema serq hu kwalifikat bil-valur ta′ aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) ghad-dannu ta′ Maria Agius u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 261, 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta;

2. Ghamlu uzu ta′ kodici ta′ dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elektroniku jew xi mezz iehor ta′ dhul jew informazzjoni ta′ identifikazzjoni ta′ xi persuna ohra f′ kompjuter, dan sar ghad-detriment ta′ Maria Agius u/jew persuni ohra dan bi ksur tal-Artikolu 337C (1) (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta;

3. Ikkommettew serq ta′ kartiera bi flus kontanti, diversi dokumenti u credit card mahruga mill-bank BNF ghad-detriment ta′ Maria Agius u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bhala serq semplici u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta;

4. Ikkommettew serq ta′ kartiera bi flus kontanti u debit card mahruga mill-bank BNL ghad-detriment ta′ Lorena Rossi u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bhala serq semplici u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta;

5. Bil-hsieb li jaghmlu reat ta′ serq permezz ta′ karti ta′ kreditu ghad-detriment ta′ Lorena Rossi u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra urew dan il-hsieb b′atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta′ dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta′ taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bhala serq semplici dan bi ksur tal-Artikolu 41(1) (a), 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta;

6. Ikkommettew serq ta′ kartiera bi flus kontanti, diversi dokumenti u gizirana ghad-detriment ta′ Joan Vella u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bhala serq semplici u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Semghet s-sottomissjonijiet mill-Prosekuzzjoni u l-avukat Yanika Camilleri ghad-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputati, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi,* ***fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali****. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenza taghha tas-17 ta' Jannar 2017 Il-**Pulizija vs Meriam Abdussalam Mouaddea** u ttenni li min ikun f'pajjizna bhala mistieden, hux ghall-vaganza, ghan-negozju, ghax-xoghol, ghall-istudju, biex jibni relazzjoni jew jekk persuna jinghata xi forma ta' protezzjoni ghandu jimxi b'mod strett mal-ligijiet ta' pajjizna.

Huma l-minoranza assoluta tal-"mistiedna" fostna li jigu jaqghu u jqumu mil-ligijiet ta' pajjizna. ***Patti chiari, amicizia lunga***. Nilqghuk fostna u nkomplu nibnu r-reputazzjoni madwar id-dinja fejn dan il-poplu naghtha certifikat ***"wrewna qalb tajba li ma bhalha"***[1], izda trid tirrispetta l-ligijiet ta' pajjizna. Dawn il-ftit qeghdin jaghmlu hsara kbira hafna ghaliex qeghdin jitfghu dell ikrah fuq ohrajn li jghixu hajja ezemplari. Il-Qorti theggeg lill-Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni juzaw il-poter li taghtihom il-ligi fl-ambitu tat-trattati internazzjonali u ma jiddejqux jiehdu passi inkluz li dawk li jaghmlu reati gravi f'pajjizna u joholqu alarm bla bzonn fost il-popolazzjoni ta' dawn il-gzejjer jkunu ripatrijati minnufih wara li jiskontaw is-sentenzi lejn pajjizhom.

---

[1] Atti 28:2

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 261, 267, 337C(1)(f), 284, 41(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja u tikkundanhom tmintax (18)-il xahar prigunerija.

Il-Qorti theggeg lill-Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni biex hekk kif l-imputati jiskontaw is-sentenza jkunu ripatrijati, anke jekk gejjin minn pajjiz tal-Unjoni Ewropea ghaliex m'ghandhom post ta' abitazzjoni f'Malta, m'ghandhomx biex imantnu lilhom infushom u huma ta' periklu ghall-ordni pubbliku.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**